# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

Is-Seba’ Leġislatura

**Laqgħa numru 7**

**8 ta’ Ġunju 2017**

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ltaqa’ fis-Sala tal-Komunita’ li tinsab fi Triq Ta’ Mulejja fil-4.30pm.

**PREŻENTI:**

Saviour Borg – Sindku
Victor Cefai – Viċi Sindku
Horace Micallef – Kunsillier
Carmel Farrugia – Kunsillier
Mario Mercieca – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Saviour Borg ippresieda l-laqgħa.

### 7.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

7.1.1 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2017.

### 7.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku Saviour Borg:

7.2.1 Nawguraw lill-Ministru l-ġdid ta' Għawdex, l-Onorevoli Justyne Caruana, kif ukoll lill-Ministru, Onorevoli Owen Bonniċi u lis-Segretarju Parlamentari, Hon. Silvio Parnis, li huma responsabli mill-Gvern Lokali. Is-Sindku semma li issa għandna nitolbu laqgħa mall-Ministru t'Għawdex dwar it-talbiet pendenti li għandu l-kunsill.

7.2.2 Illum se tittella' l-attivita' 'Għad-Dell tal-Għajn tal-Ħasselin' mid-Dipartiment tal-Kultura u l-Ministeru Għal Għawdex li saret b'kollaborazzjoni mal-Kunsill. Il-kunsill ser joħroġ €236 għas-sistema tad-dawl (floodlights).

7.2.3 Fit-3 ta' Mejju kien għamel rapport lill-pulizija fejn infurmhom li fil-5.03p.m. kien ra raġel jaqla' waħda mill-*bollards* li hemm man-naħa tal-Għajn ta' Bendu. Dan infurma lis-Sindku li kien ġie mqabbad jagħmel dan ix-xogħol minn Bella Cassar tal-Fontana Cottage Industry. Il-Pulizija ntervjenew u dan reġa għamel dik li laħaq qalgħa lura.

7.2.4 Ġew iffirmati l-kuntratti tat-tenders bejn il-Kunsill u Road Construction għat-tkomplija ta' Triq John Gaspard le Merchant kif ukoll għal-xogħol ta' 'patching' fi Triq il-Kappillan Ħili.

7.2.5 Is-Sinjali tat-toroq ta' ħdejn id-dar "Electron", fi Triq il-Qalb ta' Ġesu, saru. Semma wkoll li rridu naħsbu għat-tindif ta' matul il-festa, kif ukoll għat-tindif tal-Latrina Pubblika. Il-membri qablu li għandna nqabbdu lil Manuel Conti sabiex jiġi jnaddafha f'diversi ħinijiet matul il-festa sabiex nassiguraw li din tinżamm nadifa. Dwar it-tindif waqt u wara l-festa, il-ħaddiema tal-kunsill iduru l-*playingfield,* iz-zuntier u d-dawra tal-knisja. Il-ħaddiema tal-Public Cleansing iduru Triq il-Għajn u Triq il-Kappillan G. Hili.

7.2.6 Nitolbu lid-Direttur Proġetti u Żviluppi sabiex jinżebgħu s-sinjali tat-toroq li huma responsabli minnhom, speċjalment dawk ta' Triq il-Għajn.

7.2.7 Naħsbu għal-ikla tal-anzjani li jgħixu waħedhom għal Jum il-Festa u rridu naraw in-numru ta' kemm iridu, kif ukoll għall-fuljett "Tagħrif mill-Kunsill Tiegħek".

7.2.8 Saret talba għal-tlett toqob għall-armar tan-nar tal-art fi Triq Ta' Mulejja. Il-membri qablu li ngħidu lil Chris Gauci sabiex dawn isiru.

## 7.3 Approvazzjoni tar-risposta tal-Kunsill għall-'*management letter*' Tal-awdituri

7.3.1 Is-Segretarja preżentat draft tal-ittra li pprepara l-accountant tal-Kunsill bħala risposta għall-*'management letter'* li bagħtu l-awdituri wara li temmew il-proċess ta' awditjar tal-Kunsill li sar fit-30ta' Marzu li għadda.

Il-membri qablu mal-kontenut ta' din l-ittra u għalhekk ġiet iffirmata fil-preżenza tal-istess membri sabiex l-għada din tintbagħat lill-awdituri tal-Kunsill u lill-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali kif ukoll lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

## 7.4 Approvazzjoni tal-Estimi ta' kull kwart tas-sena

7.4.1 Is-Segretarja ppreżentat l-estimi ta' kull kwart minn l-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2017. Ġie spjegat l-istatement li jirrifletti id-dħul u l-ħruġ inline mal-budget annwali. Dawn l-estimi ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarja quddiem il-preżenti. Kopja tal-istess estimi se jintbagħtu lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

## 7.5 Ħruġ tal-Offerti

7.5.1 It-tender tal-Latrina se tagħlaq f'Settembru u għalhekk rridu nibdew il-proċess sabiex toħroġ it-tender mill-ġdid.

7.5.2 Dwar il-ħruġ tat-tender għax-xogħol ta' tarmak f'parti minn Triq il-Għajn bejn Pjazza Sant Wistin u Triq il-Kappillan Guzepp Hili, wara l-laqgħa li għaddiet, il-kunsill rċieva risposta għal talba li għamel f'Novembru li għadda, biex isir is-servizz tal-ilma u possibilment mejns ġodda taħt il-bankina fejn it-triq hija wiesa, mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fejn minflok li laqgħat it-talba tal-kunsill biex isir dan ix-xogħol bagħtet stima dwar kemm ser jiswa biex il-kunsill joħrog fit-tender li hija ta' madwar €16,000. Is-Sindku qal li f'lokalitajiet oħra saru mill-istess korporazzjoni u ppropona li ssir laqgħa mal-WSC.

## 7.6 Materji Oħra.

7.6.1 Irċevejna l-istima għad-dwal mingħand Chris Gauci li se nħallsu aħna għas-serata mtella mill-Kultura fi Pjazza l-Għejjun. Il-prezz jammonta għal €236. Il-Kunsill tal-Kultura irringrazzjawna talli qegħdin noffru s-siġġijiet kif ukoll id-dwal.

7.6.2 Tlabna stima għal 'noticeboard'lill tlett kumpaniji pero Zammit Aluminium biss provdilna stima. Il-qis li tlabna huwa ta' 1.2 x 1.5 metri u ta' kulur l-injam. L-istima hi ta' €455.00. Il-membri qablu li għandna nordnawha.

7.6.3 Irċevejna li Fontana Cottage Industries daħlu applikazzjoni ġdida u għalhekk bgħatt lil Perit Clayton sabiex jipprovdilna aktar dettalji.

7.6.4 Is-Sur Ivan Attard informana li minħabba mpenji oħra ma jistax jaċċetta n-nomina għall-kariga ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv u għalhekk irridu ninnominaw lil xi ħadd ieħor. Is-Sindku nnomina lis-Sinjura Lucienne Ħaber li hija Segretarju Ezekuttiv fil-Kunsill t'Għajnsielem. Il-membri qablu unanimament u għalhekk se tintbagħat it-talba tagħna lis-Sinjura Ħaber.

7.6.5 Il-kuntrattur Jason Debrincat kien infurmana li se jwaqqaf is-servizz ta' ġbir ta' skart organiku minħabba li kellhom xi issues mal-Green Mt u għalhekk il-kunsill kiteb lill Green Mt fejn fakkru fl-obbligu tal-kuntratt li l-kunsill għandu mal-istess Green Mt. Is-Sur Joe Attard informana li s-servizz se jibqa għaddej.

7.6.6 Irċevejt mingħand il-Wasteserve illi l-kuntratt tas-sena 2016 baqa ma kienx iffirmat u għalhekk talbitna niffirmawh sabiex ikunu jistgħu iħallsuna l-ammont dovut għas-sena 2016. Jiena tlabt linja gwida mid-dipartiment peress li jiena ma għandiex il-kompetenza li niffirma għas-sena 2016 meta jiena ġejt appuntata fl-2017.

7.6.7 Ktibt lil TM sabiex nara fejn waslet it-talba tagħna għal-linji sofor mill-bieb tal-uffiċċju tal-Kunsill sal-kantuniera tat-triq qabel tikser għan-naħa ta' wara tal-Knisja Parrokkjali.

7.6.8 Irċevejna notifikazzjoni li se jsir tqattigħ għall-konnezzjoni tad-drenaġġ minn Triq Mons Mikiel F Buttigieg għal Triq John Gaspard le Merchant. Il-Kunsill ressaq il-punti tiegħu, fejn talab li t-triq trid terġa ssir bħal ma kienet u li l-*'patch'* għandha taqbad sew ma kull naħa tal-gandott, skont il-linji gwida għax-xogħol ta' dan it-tip.

7.6.9 Fit-22 ta' Mejju ktibna lill-Perit Gordon Vella sabiex issir talba lill-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex minflok ġebla tal-qawwi, is-saqaf taċ-Ċentru Ċiviku isir bil-porfido.

7.6.10 Irċevejna mingħand is-Segretarju tal-NGO Għaqda Festa Għajn Tuta Kercem sabiex fis-7 ta' Lulju tingħalaq it-triq li tagħti għax-Xlendi. Dan sabiex jorganizzaw ħruq tan-nar mill-inħawi tas-Saqwi li hu fil-konfini tal-Fontana. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

7.6.11 Kiosks tal-festa. Ġiet preżentata l-mappa ta' kif kienu jsiru fis-snin l-imgħoddija. Il-kunsillier Mario Mercieca qal li bħal l-Għaqda tal-Armar qed joġġjezzjona li jsir bħas-sena l-oħra peress li kiosk minnhom rabat katina mal-antarjoli li b'konsegwenza nbarxet. Il-Kunsillier Horace Micallef rrimarka li jkun tajjeb li wieħed jiċċekja l-qisien tal-permessi maċ-Ċirkulari. Il-membri qablu li l-permessi tal-kiosks għandhom jiċċaqalqu l-

isfel ħalli taħt l-amar tal-festi ma jkun hemm xejn. Sar qbil ukoll sabiex isiru l-kaxxi mal-art, kif ukoll li, is-Sibt, il-permess huwa validu biss sal-11.45p.m ħalli kulħadd jimxi mal-permess mogħti mill-Kunsill, minħabba l-ħruq tan-nar tal-art. Min jibqa' wara dak il-ħin, il-kunsill ma' jinżamx responsabbli.

7.6.12 Ġita fi Sqallija għat-8 u 9 ta' Lulju għall-prezz ta' €329 kull persuna. Is-Sindku qal li hu ppropona fost l-oħrajn li nzuru l-Belt ta' Agrigento. Il-membri qablu li l-prezz hu wisq għoli u għalhekk ġie maqbul li nerġgħu nitkellmu ma' Mario Spiteri sabiex naraw jekk hux possibli li jinżel il-prezz. Is-Sindku qal li l-għada stess ser jagħmel kuntatt mas-sur Spiteri biex jitnizzel il-prezz.

7.6.13 Is-Segretarja semmiet li l-Printer HP OfficeJet Pro 6000 mhihiex tintuża peress li mhix tintuża. Is-Sindku ppropona u l-membri qablu li ntuha donazzjoni lill-Kappillan sabiex tintuża għall-użu tal-komunita'.

7.6.14 Bgħattna l-applikazzjoni lill-Awtorita tal-Ambjent u Riżorsi sabiex jinħareġ il-permess biex nizbru s-siġar tal-ħarrub li jinsabu fi Triq il-Kardinal Alessandro Franchi. Dan għaliex il-bankina ma għadhiex aċċessibli għall-pubbliku.

7.6.15 Hemm bżonn li nixtru żewġ timbri għall-użu tal-uffiċċju.

7.6.16 Irċevejna r-*risk assessment* report li jinkludi l-osservazzjonijiet kif ukoll ir-rimedji li jridu jsiru.

## 7.7 Qari tal-Korrispondenza

7.7.1 Emejl mingħand OPM dwar *'template'* gdida servizz.gov.

7.7.2 Stedina mingħand l-President tal-assoccjazzjoni is-Sur Mario Fava sabiex nattendu għaċ-ċerimonja fejn fiha tqassmu l-flus li l-Agenzija tal-Gwardjani lokali għaddiet lir-reġjuni u l-Kunsilli Lokali.

7.7.3 Irċevejna diversi stqarrijiet li ħarġu mill-Kummissjoni Elettorali fejn ġejna mitluba nwaħħluhom fuq in-*'notice boards'* tagħna.

7.7.4 Ċirkulari Numru 7/17 li tkompli ma dik preċedenti Numru 1/2017 li tirrigwarda l-iskala tas-salarju ta' ħaddiema li jagħmlu xogħol ta' knis fit-toroq u cleaners.

7.7.5 Irċevejna emejl mingħand DLG fejn ġejna nfurmati li għaddew fil-kont it-tieni *'tranche'* tal-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2017. Minn din l-allokazzjoni tnaqqas l-ammont ta' €120 in konessjoni mas-servizz tal-MITA li jingħata lill-kunsill.

7.7.6 Emejl mill-MEUSAC dwar *'Measures 4.3 u 4.4'* li jkopru *'EU funding for Rural Development.'* U li se jagħlqu fit-3 ta' Lulju.

7.7.7 Irċevejna invit mingħand il-MJCL sabiex nattendu għal varazzjoni ta' *'Local Government Community Innovation Fund.'* li saret il-Bormla nhar it-Tlieta, 16ta' Mejju 2017.

7.7.8 Emejl mingħand il-PA b'informazzjoni dwar is-sit elettroniku tagħhom b'referenza għall-Fondi tal-Kunsilli.

7.7.9 Bgħatna t-talba tagħna lil TM sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar quddiem parti mir-residenza ta' Villa San Daniela fir Triq Wied Siekel.

7.7.10 Irċevejna ċirkulari numru 12/2017 li ħarġet mid-DLG dwar il-parteċipazzjoni minn Segretarji Eżekuttivi fil-politika u komunikazzjoni mal-Media.

7.7.11 Irċevejna risposta għall-klarifikazzjoni mitluba minna dwar iċ-Ċirkulari numru 38/2016. Id-dipartiment infurmana li l-attivita' trid tkun direttament organizzata mill-Kunsill innifsu u l-għaqda tgħin lill-kunsill u mhux viċ-versa. Dwar jekk nistgħux ngħinu lill-għaqdiet bħal dik tan-nar ir-risposta kienet li dan ma jistax isir. Ser isir il-*feature* minn CVC Media dwar il-ferħ tal-festa għall-prezz ta' €500, li ser jintwera lejliet il-festa, qabel il-ħruq tan-nar tal-art.

7.7.12 Emejl mid-DLG fejn ġejna nfurmati li ħarġet *'Procurement Policy Note'* (PPN) ġdida.

7.7.13 Emejl mid-DLG fejn ġejna nfurmati li 22 Kunsill Lokali għandhom ħlasijiet dovuti lid-Dipartiment tat-taxxi Interni għas-snin 2015 and 2016 u għalhekk qed niġu mitluba nirreglarizzaw il-pożizzjoni tagħna. Il-Kunsill tagħna ma għandu xejn dovut għas-snin imsemmija. Madanakollu sibna li hemm l-ammont ta' €10 dovuti għas-sena 2011 u għalhekk qegħda tiġi mħallsa minnufih.

7.7.14 Emejl mid-DLG fejn gejna nfurmati li nistghu nirregistraw sabiex nippartecipaw fil-progett EloGE. Dan jista jsir sal-15 ta' Gunju 2017.

7.7.15 Emejl minghand is-Sur Mario Fava fejn ta' spjega ta' kif inqassmu l-flus lill-kumitati Regjonali u l-Kunsilli Lokali.

7.7.16 Emejl mingħand DLG dwar il-'payscales' ghas-sena 2017 kif ppublikat fil-'collective agreement'. Gie notifikat l-ammont li ghandu jithallas bhala onorarja lis-Sindku tal-Lokalita skont il-popolazzjoni rispettiva tal-istess lokalita'.

7.7.17 Cirkulari numru 1472017 mid-DLG fejn qed tfiehem il-process li ghandu jigi segwit meta Segretarju Ezekuttiv jircievi ittra ta' rizenja minghand Kunsillier.

7.7.18 Ircevejna l-proceduri godda fejn jidhlu applikazzjonijiet relatati ma' Traffic Management mingħand TM. Dawn jinkludu l-applikazzjonijiet ghall-'Road Humps, pedestrian crossings, installation of speed cameras' u ohrajn.

7.7.19 Irċevejna c-cekk ta' £2313.47 li huwa l-pagament mil-LESA bhala allokazzjoni lil-kunsill taghna bi qbil mal-Asoccjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

7.7.20 Emejl mid-DLG fejn il-kunsilli qed jigu offruti l-possibilta li japplikaw biex jigu kkunsidrati sabiex jospitaw wahda mill-istudy visits li se tkun qed torganizza l-Commonwealth *'Local Government Forum.'*

7.7.21 Cirkulari numru 15/2017 mingħand id-DLG b'informazzjoni dwar l-gheluq tal-ufficcju amministrattiv f'Jum l-Elezzjoni Generali tat-3 ta' Gunju 2017.

7.7.22 Emejl mingħand is-Sinjura Angela Vella dwar il-korsijiet tal-'Lifelong learning' li se jigu offruti fil-lokalita taghna minn Ottubru 2017. Dawn huma 'Lace Making' u 'Patchwork'. Ktibt lis-Sinjura Vella sabiex nara jekk hux se jsiru aktar korsijiet peress li aħna konna applikajna għal aktar. Is-Sindku qal li għandna ninfurmaw lir-residenti bil-korsijiet.

7.7.23 Irċevejna nvit mingħand il-Kappillan sabiex nattendu ghall-Pontifikal Solenni li se jsir nhar il-Ħadd, 18 ta' Ġunju 2017 fid-9.00a.m.

7.7.24 Ċirkulari numru 16/2017 mid-DLG fejn permess tal-istess ċirkulari qed ifakkar lill-Kunsilli Lokali dwar il-proċedura skont il-liġi li tirregola l-Indikatur tal-Qagħda Finanzjarja (l-FSI) fejn il-Kunsill għandu josserva l-applikazzjoni tar-rekwizit ta' bilanċ favorevoli ta' għaxra fil-mija.

7.7.25 Irċevejna risposta għall-emejl tagħna fejn id-Direttur Proġetti u Zviluppi infurmana li min-naħa tal-ministeru mhux se jsir xogħol fit-toroq ta' Santa Dminka u Triq il-Kappillan Guzepp Hili.

7.7.26 Irċevejna talba mill-Kappillan sabiex norganizzaw attivita sportiva ghat-tfal tal-Fontana matul ix-xahar ta' Ġunju, fil-11 ta' Ġunju filgħaxija. Il-kunsill qabel li ma baqax zmien biex tiġi organizzata din l-attivita' u talbiet simili għandhom jintbgħatu aktar kmieni biex jilħqu jiġu diskussi fil-laqgħa tal-kunsill.

## 7.8 Approvazzjoni tal-Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lill-membri tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni tagħhom.

Il-kunsill qabel li:

a) l-invoice ta’ Jimmy Saliba għandha tiġi sospiża filwaqt li nilqgħu t-talba tiegħu sabiex jieħu l-parts tal-computer lura, li għamel mingħajr ma kien hemm approvazzjoni tal-kunsill.

Il-pagamenti l-oħra ġew approvati unanimament u ċ-ċedola ta’ pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali intemmet fit-7.15pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Hamis, 6 ta’ Lulju 2017 fil-3.00pm b’aġenda li tkun komunikata aktar ‘il quddiem.

**IFFIRMATA**

**Saviour Borg**
**Sindku**

**IFFIRMATA**

**Heidi Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**